**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/076 |
| **Allegazzjoni:** | Użu ta' fondi pubbliċi għall-produzzjoni ta' materjal ippubblikat fuq il-paġna personali ta' ministru fuq Facebook |
| **Ilmentatur:** | Il-Prof. Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 18 ta' April 2025 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 8 ta' Ġunju 2026 |

**L-Ilment**

1. Fit-18 ta' April 2025 il-Professur Arnold Cassola, Chairperson tal-partit Momentum (l-Ilmentatur), kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-Onor. Chris Bonett, Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli. Dak iż-żmien l-Onor. Bonett kien il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

2. L-Ilmentatur qal li l-Ministeru għat-Trasport ħabbar li kien se jkun hemm 400 rotta ġdida tat-trasport pubbliku, u pproduċa filmat biex jippubbliċizza dan il-fatt. L-Ilmentatur qal li l-awtorità Transport Malta u Malta Public Transport (il-kumpanija li topera l-karozzi tal-linja) ukoll taw kontribut għall-produzzjoni tal-filmat. Kompla jgħid:

> *Imma minflok ma l-video ġie mxandar fuq is-sit tal-Ministeru tat-Trasport, skont ir-regoli stabbiliti mill-Kummissarju Hyzler u ribaditi ripetutament minnek, dan il-video ġie mxandar direttament fuq il-Facebook tal-Ministru Chris Bonett.*
>
> *Apparti l-ksur tar-regoli, dana ma huwa xejn ħlief att ta' sfida tas-suddett Ministru lejn l-awtorità tal-Kummissarju tal-Istandards.*
>
> *Nitolbok ghalhekk tinvestiga dan il-ksur ta' etika.*

3. L-ilment sħiħ huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument 1**.

4. Aktar tard dakinhar stess l-Ilmentatur reġa' bagħat l-ilment tiegħu biż-żieda tal-kliem "*Sal-mument li qed nikteb, dan il-video la qiegħed fuq is-sit tal-Ministeru, la s-sit ta' Transport Malta u lanqas fuq is-sit tal-Malta Public Transport.*" Dan il-messaġġ huwa anness bħala d-**Dokument 2**.

5. Il-filmat in kwistjoni hu twil 41 sekonda u jħabbar l-introduzzjoni ta' rotot ġodda tat-trasport pubbliku u oħrajn estiżi, b'żieda ta' 400 vjaġġ kuljum. Fl-aħħar tal-filmat jidhru l-logos tal-Ministeru għat-Trasport, Transport Malta u Malta Public Transport. Il-Ministru Bonett la jidher u lanqas jissemma fil-filmat.

6. Il-filmat ittella' fuq il-paġna personali tal-Ministru fuq Facebook fis-17 ta' April 2025, jum qabel ma sar l-ilment. Fil-21 ta' April 2025 il-filmat ittella' wkoll fuq il-paġna uffiċjali tal-ministeru fuq Facebook (imsejħa "Infrastruttura"), kif ukoll fuq il-paġna uffiċjali ta' Transport Malta fuq l-istess sit.

**Il-Kuntest**

7. Fis-7 ta' Mejju 2020 l-ewwel Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, Dr George Marius Hyzler, ħareġ rapport dwar l-użu tal-mezzi soċjali mill-ministri.[1] Il-Kummissarju Hyzler sab li kienet prattika komuni li ministri jużaw riżorsi pubbliċi fil-produzzjoni ta' materjal biex jixxandar mill-paġni personali tagħhom fuq il-mezzi soċjali. Il-Kummissarju Hyzler deherlu li dan ma kienx użu xieraq ta' fondi pubbliċi.

8. Fir-rapport tiegħu, il-Kummissarju Hyzler inkluda linji gwida dwar l-użu tal-mezzi soċjali mill-ministri u s-segretarji parlamentari. Dawn il-linji gwida qegħdin jiġu riprodotti hawn bħala d-**Dokument 3**, u se jitqiegħdu wkoll fuq is-sit elettroniku ta' dan l-uffiċċju bħala dokument separat.

9. Fost affarijiet oħra, il-linji gwida jgħidu li:

(a) għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn il-paġna uffiċjali ta' **ministeru** fuq il-mezzi soċjali, u l-paġna personali ta' **ministru**; u

(b) fl-ebda ċirkostanzi m'għandhom jintużaw flejjes pubbliċi fuq il-paġna personali ta' ministru, lanqas fil-produzzjoni ta' materjal dwar l-

---

1 Rapport dwar il-każ K/010, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K010.pdf.

attivitajiet uffiċjali tal-ministru, jekk dan il-materjal hu maħsub biex jiġi ppubblikat fuq il-paġna personali tiegħu; iżda

(ċ) materjal uffiċjali li diġà deher fuq paġna uffiċjali jista' jigi mqassam (shared) mill-paġna personali tal-ministru, sakemm ikun ċar li l-materjal oriġina minn sors uffiċjali; u

(d) materjal uffiċjali li ġie prodott bil-għan li jintuża għal skop uffiċjali, iżda ma ntużax għal dan il-għan, jista' jintuża fil-paġna personali ta' ministru, basta s-sors jiġi rikonoxxut.

10. Is-sottoskritt jifhem li l-Ilmentatur qed jirreferi għal dawn il-linji gwida fejn jgħid "*ir-regoli stabbiliti mill-Kummissarju Hyzler*".

11. Fir-rapport tiegħu ta' Mejju 2020 il-Kummissarju Hyzler ħabbar li kellu laqgħa dwar l-użu tal-mezzi soċjali mal-Onor. Glenn Bedingfield, dak iż-żmien Whip tal-grupp parlamentari tal-gvern, u l-Onor. Dr Edward Zammit Lewis, dak iż-żmien Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza. Il-Kummissarju qal ukoll li wara din il-laqgħa, lesta abbozz tal-linji gwida u għaddih lill-Onor. Bedingfield u lill-Ministru Zammit Lewis. Aktar tard il-Ministru Zammit Lewis informa l-Kummissarju li l-gvern aċċetta l-linji gwida, u b'hekk il-ministri u s-segretarji parlamentari ntrabtu li jsegwuhom. Fir-rapport tiegħu, il-Kummissarju qal li dan kien żvilupp pożittiv li kellu jwassal għal titjib fl-istandards tal-ħajja pubblika bil-kooperazzjoni attiva tal-gvern.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

12. Is-sottoskritt deherlu li l-ilment preżenti kien jimmerita investigazzjoni. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), huma dawn li ġejjin:

*4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*

*4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*

*5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza*

*inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

*7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata. Il-Ministri għandhom id-dover li qabel jaslu għal xi deċiżjoni huma jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' pariri, inkluż billi jagħtu piż lill-parir infurmat u imparzjali tal-uffiċjali jew impjegati pubbliċi.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

13. Fit-13 ta' Mejju 2025, is-sottoskritt kiteb lill-Ministru Chris Bonett biex jirreferilu l-ilment u jitlob il-veduti tiegħu dwaru (**Dokument 4**). B'mod partikolari, il-Ministru Bonett intalab jgħid:

(a) kemm intefqu flus fuq l-produzzjoni tal-filmat in kwistjoni;

(b) jekk bix-xandir tal-filmat mill-paġna personali tiegħu ġietx rispettata d-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali tiegħu bħala ministru u l-irwol tiegħu bħala politiku f'kapaċità personali;

(ċ) jekk il-filmat jaffettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li l-pagamenti għalih preżumibbilment ġew approvati minn uffiċjal pubbliku minkejja li l-filmat ixxandar mill-paġna personali tiegħu; u

(d) jekk il-filmat ixxandarx ukoll minn mezzi uffiċjali, u fl-affermattiv, x'kienu dawn il-mezzi u meta xxandar il-filmat fuqhom għall-ewwel darba.

14. Il-Ministru Bonett wieġeb permezz ta' ittra datata 10 ta' Ġunju 2025 (**Dokument 5**). Huwa qal li l-filmat tqassam lill-midja indipendenti qabel ittella' fuq il-paġna tiegħu fuq Facebook. Il-filmat tqassam lill-istazzjonijiet tat-televiżjoni NET u TVM fis-17 ta' April 2025 bejn l-10:30 u l-10:43 ta' filgħodu, mentri ttella' fuq il-paġna tiegħu fis-14:00 tal-istess jum.

15. Il-Ministru Bonett irrefera għal-linji gwida dwar ir-riklami u l-materjal promozzjonali tal-gvern li nħarġu mill-Kummissarju Hyzler fit-2 ta' Awwissu 2021,[2] u qal li l-filmat kien konformi ma' dawn il-linji gwida.

---

[2] Ara https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf.

16. Il-Ministru qal li l-produzzjoni tal-filmat ġiet tiswa €2,000. Fost affarijiet oħra qal ukoll li t-"*tixrid tal-filmat segwa kronoloġija xierqa u etika, billi ta prijorità lill-midja indipendenti*", u li l-pubblikazzjoni tal-filmat fuq il-paġna personali tiegħu "*kienet parti mid-dmirijiet ta' komunikazzjoni ministerjali tiegħi u kienet konsistenti mal-imġiba uffiċjali*".

17. Fil-25 ta' Novembru 2025, is-sottoskritt reġa' kiteb lill-Ministru Bonett (**Dokument 6**) biex jistaqsih jekk il-filmat attwalment ixxandarx minn NET TV u TVM, u fl-affermattiv meta sar dan.

18. Il-Ministru Bonett wieġeb fit-12 ta' Diċembru 2025 (**Dokument 7**). Qal li l-filmat beda jixxandar minn NET u TVM fil-21 ta' April 2025. Qal li l-filmat tqassam ukoll lill-istazzjon ONE fis-17 ta' April 2025 fil-10:47, jiġifieri ftit wara li tqassam lil NET u TVM, u beda jixxandar minn dan l-istazzjon fl-20 ta' April 2025. Annetta skedi mal-ittra tiegħu li juru d-dati u l-ħinijiet tax-xandir tal-filmat mill-istazzjonijiet konċernati.

19. Il-Ministru Bonett qal ukoll li ż-żmien li għadda bejn it-tqassim tal-filmat lill-istazzjonijiet televiżivi u x-xandir tal-filmat minnhom kien "*espliċitament deċiżjoni tagħhom u bl-ebda mod direzzjoni tal-Ministeru li jien nokkupa*". Il-Ministru osserva li dawn kienu l-ġranet tal-Għid, u dan seta' kien fattur fid-dewmien.

20. Is-sottoskritt qagħad fuq ir-risposti tal-Ministru u ma deherlux li l-każ kien jimmerita investigazzjoni ulterjuri. Għaldaqstant m'għandux provi xi jforni lill-Ministru għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, u jista' jikkonkludi l-każ.

**Konsiderazzjonijiet**

21. Hemm żewġ settijiet ta' linji gwida li potenzjalment japplikaw għall-filmat: dawk tas-7 ta' Mejju 2020 dwar l-użu tal-mezzi soċjali mill-ministri u s-segretarji parlamentari, u dawk tat-2 ta' Awwissu 2021 dwar ir-riklami u l-materjal promozzjonali tal-gvern.

22. Il-filmat ma fihx kontenut li jmur kontra l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021. Il-kwistjoni li tqum fil-każ preżenti hi jekk ġewx segwiti l-linji gwida tas-7 ta' Mejju 2020 meta l-filmat ittella' fuq il-paġna personali tal-Ministru Bonett fuq Facebook. Din torbot mad-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika ministerjali li ġew ikkwotati fuq.

23. Wieħed jista' jara x'ħin ixxandret kitba fuq Facebook billi jmexxi l-pointer tal-mouse fuq id-data li tidher mal-kitba. B'dan il-mod jirriżulta li l-filmat ittella' fuq il-paġna personali tal-Ministru Bonett fis-17 ta' April 2025 fil-11:54 ta' filgħodu, mhux fis-14:00 ta' wara nofsinhar. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-filmat tqassam lill-mezzi tax-xandir qabel ma ttella' fuq il-paġna tal-Ministru Bonett.

24. Id-dewmien ta' xi ġranet fix-xandir tal-filmat fuq it-televiżjoni ħalaq sitwazzjoni ambigwa u infeliċi fejn filmat uffiċjali prodott permezz ta' fondi pubbliċi kien qed jidher esklussivament fuq il-paġna personali tal-Ministru minkejja li kien tqassam lill-mezzi tax-xandir. Dan iżda ma jammontax għal ksur ta' etika, ġaladarba l-Ministru ma kellu ebda sehem fid-dewmien.

## Konklużjoni

25. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt ma jsibx ksur ta' etika min-naħa tal-Ministru Chris Bonett, u jiddikjara l-kaz magħluq.

26. Is-sitwazzjoni ta' ambigwità li ġiet maħluqa f'dan il-każ kienet tiġi evitata kieku l-filmat ittella' fuq il-paġna uffiċjali tal-Ministeru għat-Trasport u minn hemm ġie mqassam permezz tal-paġna personali tal-Ministru, kif jitolbu l-linji gwida ta' Mejju 2020, minflok ma ttella' direttament fuq il-paġna personali tal-Ministru. Fil-każ preżenti, il-proċedura mitluba mil-linji gwida setgħet dehret żejda peress li l-filmat kien diġà tqassam lill-mezzi tax-xandir, iżda hu proprju dan il-każ li jikkonferma l-importanza tagħha. Is-sottoskritt jista' jasal għal konklużjoni differenti f'każijiet futuri dwar l-użu tal-mezzi soċjali jekk din il-proċedura ma tiġix segwita.

27. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Ministru Chris Bonett, u lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (la jiġi kostitwit mill-ġdid) għall-informazzjoni tiegħu. Se titqiegħed ukoll kopja fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument 1 | Email datata 18 ta' April 2025 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument 2 | Email oħra datata 18 ta' April 2025 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument 3 | Linji gwida dwar l-użu tal-mezzi soċjali mill-ministri u s-segretarji parlamentari. |
| Dokument 4 | Ittra datata 13 ta' Mejju 2025 lill-Ministru Chris Bonett. |
| Dokument 5 | Ittra datata 10 ta' Ġunju 2025 mingħand il-Ministru Chris Bonett. |
| Dokument 6 | Ittra datata 25 ta' Novembru 2025 lill-Ministru Chris Bonett. |
| Dokument 7 | Ittra mibgħuta lil dan l-Uffiċċju mill-Ministru Chris Bonett fit-12 ta' Diċembru 2025. |

DOKUMENT 1

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Lment dwarvksur ta" etika mill-Ministru Chris Bonett |
| **Date:** | Friday, 18 April 2025 11:35:56 |

Għażiż Kummissarju Azzopardi,

Il- Ministeru tat-Trasport avza li ser ikun hemm 400 rotta ġdida tat-Trasport pubbliku.

Indubbjament, ininizjattiva pożittiva u importanti biex tinkoraġġixxi lis-sewwieqa jħallu l-karozza privata d-dar.

Madankollu, anki f'inizjattiva pożittiva bħal din, il-membri tal-gvern iridu jibqgħu jasserixxu l-arroganza tagħhom.

Infatti, il-Ministeru tat-Trasport nieda video ta' reklam, biex jippubblicizza dan il-fatt.

Sponsors oħrajn tal-video huma Transport Malta u Malta Public Transport.

Imma minflok ma l-video ġie mxandar fuq is-sit ta-Ministeru tat -Trasport, skont ir-regoli stabbiliti mill-Kummissarju Hyzler u ribaditi ripetutament minnek, dan il -video ġie mxandar direttamment fuq il-facebook tal-Ministru Chris Bonett.

Apparti l-ksur tar-regoli, dana ma huwa xejn ħlief att ta' sfida tas-suddett Ministru lejn l-awtorita' tal-Kummissarju tal-istandards.

Nitolbok ghalhekk tinvestiga dan il-ksur ta' etika.

Il-video in kwistjoni huwa dan:

https://www.facebook.com/chrisbonettmt/videos/653994237556574/

Inselli għalik,

Arnold Cassola
Chairperson Momentum

DOKUMENT 2

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Aġġornat: Lment dwar ksur ta" etika mill-Ministru Chris Bonett
**Date:** Friday, 18 April 2025 12:54:51

---

Għażiż Kummissarju Azzopardi,

Il- Ministeru tat-Trasport avza li ser ikun hemm 400 rotta ġdida tat-Trasport pubbliku.

Indubbjament, ininizjattiva pożittiva u importanti biex tinkoraġġixxi lis-sewwieqa jħallu l-karozza privata d-dar.

Madankollu, anki f'inizjattiva pożittiva bħal din, il-membri tal-gvern iridu jibqgħu jasserixxu l-arroganza tagħhom.

Infatti, il-Ministeru tat-Trasport nieda video ta' reklam, biex jippubblicizza dan il-fatt.

Sponsors oħrajn tal-video huma Transport Malta u Malta Public Transport.

Sal-mument li qed nikteb, dan il-video la qieghed fuq is-sit tal-Ministeru, la s-sit ta' Transport Malta u lanqas fuq is-sit tal-Malta Public Transport.

Imma, minflok ma l-video ġie mxandar fuq is-sit ta-Ministeru tat -Trasport, skont ir-regoli stabbiliti mill-Kummissarju Hyzler u ribaditi ripetutament minnek, dan il -video ġie mxandar direttamment fuq il-facebook tal-Ministru Chris Bonett.

Apparti l-ksur tar-regoli, dana ma huwa xejn ħlief att ta' sfida tas-suddett Ministru lejn l-awtorita' tal-Kummissarju tal-istandards.

Nitolbok ghalhekk tinvestiga dan il-ksur ta' etika.

Il-video in kwistjoni huwa dan:

https://www.facebook.com/chrisbonettmt/videos/653994237556574/

Inselli għalik,

Arnold Cassola
Chairperson Momentum

# Guidelines on the use of social media by ministers and parliamentary secretaries

*These guidelines were originally issued by the Commissioner for Standards in Public Life on 7 May 2020 as part of his report on case K/010. As is stated in the case report, the government was consulted over the guidelines when they were still in draft form, and it agreed that ministers and parliamentary secretaries should adhere to them. The guidelines are being reissued as a standalone document for greater ease of reference.*

## Introduction

1. These guidelines aim to establish a clear distinction between:

   (a) official social media use for government communication purposes; and

   (b) personal use of social media by ministers and parliamentary secretaries, in so far as use of public funds and resources and official content are concerned.

2. These guidelines do not deal exhaustively with all issues arising from the use of social media, and neither do they cover the use of specific social media tools. If it so chooses, the government may therefore incorporate them in a broader set of instructions on the use of social media.

## The use of social media for official government communications

3. Official use implies that social media is used for the express purpose of communications on behalf of a ministry, department or other government entity, or of the government as a whole. Communications may be made by the entity or government in its own right or in connection with a specific official policy, programme or activity. The protocols that apply when one is acting as an official representative of the government or a government entity should be the same whether one is interacting with the press, speaking at a conference, or using social media.

4. Official social media channels should have the following characteristics:

   (a) they are financed through public funds;

   (b) they are administered and maintained by public employees using public resources and equipment, or by third parties who have been contracted by the entity and are acting under its direction;

   (c) the content of such channels is non-partisan;

   (d) it is clear from the content that each channel is an official one, with the use of official symbols and other identifying material as appropriate;

(e) such channels aim to inform, educate, reach out to, consult, engage with or seek feedback from the public in a transparent and accountable manner.

5. Official social media channels should not include:

(a) personal logos;

(b) political content or partisan statements;

(c) references to unofficial activities by individuals holding state office;

(d) expressions of personal views by individuals holding state office.

## The use of personal social media channels by ministers and parliamentary secretaries

6. Personal social media use means the use of social media for purposes other than official governmental purposes. Such purposes may relate to the user's private life or professional and political activities, including the expression of their political views. Personal social media channels remain the responsibility of the individual regardless of their profession, job or position in government.

7. Ministers and parliamentary secretaries have the same rights to free expression as any other person. As such, ministers and parliamentary secretaries can use their social media channels to publish content relating to their personal, social and professional lives as well as party-political content. They can also link to or share content from official social media channels. This is subject to any obligations arising from their official roles that carry over to their personal behaviour, and subject to the need to maintain a clear distinction between their private social media channels and official social media channels.

8. Personal social media channels should adhere to the following rules:

(a) under no circumstance should such channels benefit from public funds and resources, whether directly or indirectly, even in relation to content that deals with the official activities of a minister or parliamentary secretary, except through the sharing of official content as indicated below;

(b) such channels should not give the impression that they are official in nature;

(c) accordingly, government or other official symbols and identifiers cannot be used, except through the sharing of official content as indicated below;

(d) official audio-visual material that has already been published can be shared, as long as it is clear that such content is being shared from an official source;

(e) official audio-visual material that has been generated for official purposes but not published can be used, as long as the source is acknowledged.

9. These guidelines are summarised in graphical form on the next page.

| CAN A SOCIAL MEDIA CHANNEL: | OFFICIAL (MINISTRY) SOCIAL MEDIA CHANNEL | MINISTER'S PERSONAL SOCIAL MEDIA CHANNEL |
|---|---|---|
| Include content about the Minister's official activities? | ✓ | ✓ |
| Provide official information about the ministry's work? | ✓ | ✓ |
| Include content about the Minister's political activities? | ✗ | ✓ |
| Include an expression of the Minister's political views? | ✗ | ✓ |
| Include content about the Minister's family or personal life? | ✗ | ✓ |
| Include content that has been produced using public funds or resources? | ✓ | ✗ |
| Be administered and updated by public employees during their working hours? | ✓ | ✗ |
| Feature an official logo, except for shared or reposted official content? | ✓ | ✗ |
| Feature the Minister's personal logo? | ✗ | ✓ |
| Be administered and updated by privately funded third parties? | ✗ | ✓ |
| Be administered and updated by third parties contracted using public funds? | ✓ | ✗ |
| Share or repost official content that is already in the public domain? | ✓ | ✓ |

DOKUMENT 4



13 ta' Mejju 2025

L-Onor. Dr Chris Bonett
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Bl-email fuq chris.bonett@gov.mt

Onorevoli Ministru,

**Każ K/076 dwar ix-xandir ta' filmat uffiċjali permezz tal-paġna personali tiegħek fuq Facebook**

Jiena ġejt mitlub ninvestiga x-xandir permezz tal-paġna personali tiegħek fuq Facebook ta' filmat uffiċjali li jħabbar żieda fir-rotot tat-trasport pubbliku. Nifhem li l-filmat in kwistjoni ttella' fil-paġna tiegħek fis-17 ta' April 2025. L-ilment jikkonsisti f'żewġ emails datati 18 ta' April 2025, li t-tnejn huma annessi ma' din l-ittra.

Jiena qed nikkunsidra dan l-ilment fid-dawl tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Inti mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar l-ilment, u b'mod partikolari tgħidli:

(1) kemm intefqu flus fuq l-produzzjoni tal-filmat in kwistjoni;

(2) jekk bix-xandir ta' dan il-filmat mill-paġna personali tiegħek ġietx rispettata d-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali tiegħek bħala membru tal-Eżekuttiv u l-irwol tiegħek bħala politiku f'kapaċità personali;

(3) jekk il-filmat jaffettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li l-pagamenti għalih preżumibbilment ġew approvati minn uffiċjal pubbliku minkejja li l-filmat ixxandar mill-paġna personali tiegħek; u

(4) jekk il-filmat ixxandarx ukoll minn mezzi uffiċjali, u fl-affermattiv, x'kienu dawn il-mezzi u meta xxandar il-filmat fuqhom għall-ewwel darba.

Ġentilment mitlub twieġeb sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 13 ta' Ġunju 2025**. Aktar tard tista' tintalab tikkonferma r-risposti tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

10 ta' Ġunju 2025

**Risposta tal-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi**

*Re: Każ K/076 dwar ix-xandir ta' filmat uffiċjali permezz tal-paġna personali tiegħek fuq Facebook*

Bir-rispett nissottometti dan li ġej bħala risposta għall-allegat ksur tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

**1. Kronoloġija u Preċedenza tat-Tqassim tal-Kontenut in kwistjoni**

Huwa kruċjali li jiġu stabbiliti l-fatti kif ġraw kronoloġikament b'referenza għat-tqassim tal-kontenut in kwistjoni:

- **17 t'April 2025, bejn l-10:30 – 10:43:** Il-filmat in kwistjoni kien imqassam mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi lill-Media indipendenti, speċifikament NET TV (fl-10:30:47) u TVM (fl-10:43:27). Din id-deċiżjoni kienet fondata fl-għan tal-Ministeru li jinforma l-pubbliku ġenerali dwar l-iżviluppi fis-Sistema tat-Trasport Pubbliku.

- **17 t'April 2025, fis-14:00:** Il-filmat in kwistjoni kien sussegwentament imtella' fuq il-paġna tiegħi fuq il-pjattaforma soċjali Facebook.

- **21 t'April 2025**: L-istess filmat in kwistjoni ġie mtella' fuq il-paġna uffiċċjali tal-Ministeru 'Infrastruttura' fuq il-pjattaforma soċjali Facebook.

Din is-sekwenza kjarament turi li ġie milħuq id-dmir tas-servizz pubbliku li jinforma lill-pubbliku, permezz ta' media imparzjali u indipendenti ferm QABEL ma ġie ppubblikat il-kontenut fuq il-paġna personali tiegħi. B'hekk nissottometti li l-ebda preċedenza ma ngħatat għal għanijiet personali jew partiġġjani permezz tat-tqassim ta' dan il-kontenut in ksiwtjoni.

Nissottometti wkoll li din il-kronoloġija timxi id f'id mar-Regolament 1.11 mil-Linji Gwida dwar ir-Reklamar u l-Materjal Promozzjonali tal-Gvern Maħruġa mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fit-2 ta' Awwissu 2021, li tgħid:

*"In addition, government advertising may be used to indirectly support the media in a fair and transparent manner, in recognition of its vital role in a democratic society."*

Permezz tal-fatt li dan il-filmat in kwistjoni għażilna li jiġi primarjament ikkomunikat mill-media indipendenti, il-Ministeru aġixxa bi trasparenza u skont l-obbligi etiċi msemmija hawn fuq.

**2. In-Natura u l-Kontenut tal-Filmat**

Il-filmat in kwistjoni huwa informattiv fl-intier tiegħu, u jiffoka biss fuq rotot aġġornati tat-trasport pubbliku. Il-filmat ma fih l-ebda referenza viżwali jew verbali għalija bħala l-Ministru, u lanqas ma jinkludi xi kummentarju jew messaġġ politiku li jista' jiġi interpretat bħala promozzjonali jew propagandistiku.

Dan huwa f'kuntrast qawwi mas-sejbiet preċedenti tal-Kummissarju f'każijiet oħra mhux relatati fejn instabu materjali li "jfaħħru mexxej politiku u jiċċelebraw it-tieni anniversarju minn meta ħa l-kariga." Ma jeżistu l-ebda elementi ta' politika personali jew promozzjoni bħal dawn fil-kontenut inkwistjoni hawnhekk.

**3. Użu tal-Midja Soċjali**

Il-paġna personali tiegħi ta' Facebook isservi bħala pjattaforma biex ninforma lill-pubbliku dwar id-dmirijiet uffiċjali kontinwi tiegħi fl-irwol tiegħi bħala Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-kontenut ippubblikat hemmhekk, inkluż il-filmat in kwistjoni, jirrifletti x-xogħol u r-responsabbiltajiet professjonali tiegħi fil-maġġor parti.

Importanti nsemmi, li il-linji gwida etiċi ma jirrestrinġux it-tqassim ta' kontenut dwar xogħol uffiċjali tal-gvern fuq paġni personali tal-midja soċjali, speċjalment fejn ma jkunu preżenti l-ebda immaġni politika, slogans, jew glorifikazzjoni personali. Dan huwa konformi mar-Regolament 1.10 tal-Linji Gwida msemmija, li jirrikonoxxi d-diskrezzjoni tal-gvern fl-użu ta' fondi pubbliċi biex jikkomunika mal-pubbliku għal skopijiet leġittimi bħal:

- *Providing information about matters of public interest,* and
- *Encouraging the take-up of public services.*

L-iskop tat-tqassim ta' dan il-filmat kien preċiżament biex jintlaħqu dawn iż-żewġ għanijiet ta' interess pubbliku.

**4. Branding u Konformità mal-Istandards ta' Komunikazzjoni tal-Gvern**

Hekk kif indikat fir-Regolament 3.10 tal-Linji Gwida:

*"Ir-reklami u l-materjal promozzjonali tal-gvern għandhom ikollhom logos uffiċjali jew inkella jagħmluha ċara li ġew prodotti mill-gvern jew għalih."*

Il-filmat fih branding uffiċjali ċar, inklużi l-logos tal-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, tal-Awtorita' ta' Malta għat-Trasport, u wkoll tal-Malta Public Transport.

Dan jafferma aktar in-natura mhux partiġġjana u uffiċjali tal-materjal.

**5. Prezz tal-produzzjoni**

Finalment, il-produzzjoni ġiet tiswa total ta' €2,000.

**5. Konklużjoni**

Fid-dawl ta' dan, nissottometti b'rispett li:

- It-tixrid tal-filmat segwa kronoloġija xierqa u etika, billi ta prijorità lill-midja indipendenti;
- Il-kontenut tal-filmat kien informattiv u bl-ebda ma involva promozzjoni politika jew partiġġjana;
- Il-pubblikazzjoni fuq il-midja soċjali personali tiegħi kienet parti mid-dmirijiet ta' komunikazzjoni ministerjali tiegħi u kienet konsistenti mal-imġieba uffiċjali;
- Il-branding u l-preżentazzjoni kollha kienu konformi mar-regolamenti rilevanti tar-reklamar u l-istandards etiċi.

Għaldaqstant, nitlob li din it-tweġiba tiġi kkunsidrata bis-sħiħ, u li l-allegazzjoni ta' ksur tiġi kkunsidrata mill-ġdid fid-dawl tal-fatti, l-iskeda ta' żmien, u l-linji gwida ċċitati hawnhekk, u għaldaqstant jiġi ddikkjarat li fl-ebda ħin ma wettaqt l-ebda ksur ta' regoli etiċi kif ġie addebitat fis-sottoskritt.

Bir-rispett,

Chris Bonett

**Fiona Dingli**

Thu, 17 Apr

Hey Fiona

Hope all is well!

I am writing to kindly ask if it would be possible to change the current feature that is playing to the one I have attached in this email.

Please let me know if this can be arranged or if you need any additional information from my end.

Kind regards,
Emma
10:47

*You deleted this message.* 10:47

*Forwarded*
New bus routes.mxf
137.5 MB • mxf
New bus routes.mxf 10:48

Bongu Emma, 10:50

dan minflokk reshaping your mobility hux hekk? 10:50

yes please 🙂 10:50

ok dear thanks 10:51

**Sent:** 17 April 2025 10:30 AM
**To:** Elton Abela at Netmedia
<elton.abela@netmedia.com.mt>
**Subject:** Change in Advertisment

Attachment available until 17 May 2025

Good morning Elton,
Hope you are okay!
I am writing to kindly ask if it would be possible to change the current feature that is playing to the one I have attached in this email.
Please let me know if this can be arranged or if you need any additional information from my end.
Kind regards,

Click to Download
New bus routes.mxf
137.5 MB

DOKUMENT 6

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

25 ta' Novembru 2025

L-Onor. Dr Chris Bonett
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Bl-email fuq chris.bonett@gov.mt

Onorevoli Ministru,

**Każ K/076 dwar ix-xandir ta' filmat uffiċjali permezz tal-paġna personali tiegħek fuq Facebook**

Nirreferi għall-ittra tiegħi datata 13 ta' Mejju 2025 dwar il-każ K/076, u r-risposta tiegħek datata 10 ta' Ġunju 2025.

Fir-risposta tiegħek, inti infurmajtni li l-filmat li jiena ktibtlek dwaru tqassam lill-istazzjonijiet NET TV u TVM fis-17 ta' April 2025 bejn l-10:30 u l-10:43 ta' filgħodu, filwaqt li ttella' fuq il-paġna tiegħek fuq Facebook fis-14:00 ta' wara nofsinhar fl-istess jum.

Inti mitlub tindika jekk il-filmat attwalment ixxandarx minn NET TV u TVM, u fl-affermattiv meta sar dan.

Naprezza tweġiba sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2025**. Aktar tard tista' tintalab tikkonferma r-risposta tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT 7

**Risposta tal-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi**

*Re: Każ K/076 dwar ix-xandir ta' filmat uffiċjali permezz tal-paġna personali tiegħek fuq Facebook*

Bir-rispett nissottometti dan li ġej bħala risposta għall-ittra tiegħek datata 25 ta' Novembru 2025:

1. Illi hekk kif sottomess minni fir-risposta tiegħi datata 10 ta' Ġunju 2025, il-filmat in kwistjoni ġie mqassam lill-istazzjonijiet NET TV u TVM nhar is-17 t'April 2025 bejn 10:30:47 u 10:43:27;

2. Illi tajjeb insemmi wkol li dan il-filmat ġie sottomess lill-istazzjon ONE ukoll, nhar is-17 t' April fil-10:47;

3. Illi sussegwentament, wara li dan il-filmat kien imqassam mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi lill-Media indipendenti, beda jiġi mxandar minn ONE nhar l-20 t'April u minn TVM u NET nhar il-21 t'April f'ħinijiet diversi. Dan qed jiġi attestat permezz ta' **Dok A** li juri l-ħinijiet li fih beda jiġi mxandar il-filmat minn TVM, **Dok B** li juri l-ħinijiet li fih beda jiġi mxandar il-filmat minn NET TV, u **Dok Ċ** li juri l-ħinijiet li fih beda jiġi mxandar il-filmat minn ONE;

4. Illi l-għażla li dan il-filmat jiġi mxandar mill-media indipendenti tliet u erbat ijiem wara li rċevewh kienet espliċitament deċiżjoni tagħhom u bl-ebda mod direzzjoni tal-Ministeru li jien nokkupa;

5. Illi bla preġudizzju għas-sottomissjoni numru erbgħa, tajjeb insemmi wkoll li s-17 t'April 2025 kien Ħamis ix-Xirka, it-18 t'April kienet il-Ġimgħa l-Kbira u allura festa pubblika, u l-20 t'April kien l-Għid il-Kbir u allura wkoll festa pubblika u għalhekk ma neskludix li dawn iċ-ċirkostanzi kienu kontributorji sabiex dan il-filmat in kwistjoni jiġi mxandar mill-media indipendenti fid-dati hawn fuq ċitati;

6. Illi oltre mai, dan ma jikkompromettix il-pożizzjoni tal-Ministeru illi mexa mad-dmir tas-servizz pubbliku u li ra li jinforma lill-pubbliku, permezz ta' media imparzjali u indipendenti ferm QABEL ma ġie ppubblikat il-kontenut fuq il-paġna personali tiegħi, u ċioe nhar is-17 t'April fis-14:00, u jiġifieri iżjed minn tliet siegħat wara li dan il-filmat wasal għand l-istazzjonijiet indipendenti;

7. Fid-dawl ta' dan nerġa' għal darb' oħra nissottometti li l-ebda preċedenza ma ngħatat għal għanijiet personali jew partiġġjani permezz tat-tqassim ta' dan il-kontenut in kwistjoni.

Għaldaqstant, nitlob li din it-tweġiba tiġi kkunsidrata bis-sħiħ, flimkien mar-risposta tiegħi sottomessa lilek nhar l-10 ta' Ġunju 2025, u għaldaqstant jiġi ddikkjarat li fl-ebda ħin ma wettaqt l-ebda ksur ta' regoli etiċi kif ġie addebitat fis-sottoskritt.

Bir-rispett,

Annessi:

Dok A – Skeda TVM

Dok B – Skeda NET TV

Dok Ċ – Skeda ONE

DOK A

The Authority of Transport Malta

11th December 2025

| Date Aired | Time Aired | Program | Advert |
|---|---|---|---|
| 21/04/2025 | 17:20:00 | MAGIC | TRANSPORT MALTA AD 5 |
| 21/04/2025 | 15:57:00 | MAGIC | TRANSPORT MALTA AD 5 |
| 21/04/2025 | 13:30:00 | MAGIC | TRANSPORT MALTA AD 5 |
| 21/04/2025 | 11:20:00 | MAGIC | TRANSPORT MALTA AD 5 |
| 21/04/2025 | 10:20:00 | MAGIC | TRANSPORT MALTA AD 5 |
| 21/04/2025 | 12:20:00 | MAGIC | TRANSPORT MALTA FERRIES KOTTONERA ENG |
| 21/04/2025 | 17:20:00 | MAGIC | TRANSPORT MALTA FERRIES KOTTONERA MLT |
| 21/04/2025 | 08:20:00 | MAGIC | TRANSPORT MALTA FERRIES SLIEMA ENG |
| 21/04/2025 | 06:40:00 | MAGIC | TRANSPORT MALTA FERRIES SLIEMA MLT |
| 21/04/2025 | 18:50:48 | MOHHOKHEMM | TM RESHAPING OUR MOBILITY |
| 21/04/2025 | 20:43:43 | NEWS20:00 | TM RESHAPING OUR MOBILITY |

[redacted]

Mr. Karl Calamatta

Manager Sales Administration

Public Broadcasting Services Limited

media•link
COMMUNICATIONS

media.link
communications
company limited

Dar Centrali
Triq Herbert Ganado
Pietà PTA 1450
Malta

Tel: +356 21 243 641 Fax:
+356 21 243 640 Email:
info@netmedia.com.mt

www.netnews.com.mt

Company Registration Number: C 6170
VAT Registration Number: 1046-4101

9th November 2025

DOK B

**Campaign: TM Bus Routes (BO 5584)**

This is to certify that the TV advert was aired on the dates and time appearing below on NET TV.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 21-4-2025 | TM Bus Routes | 7.30pm | 19:23:37 |
| | | 11pm | 22:55:41 |
| 22-4-2025 | | 7.30pm | 19:24:56 |
| | | 11pm | 22:50:08 |
| 23-4-2025 | | 7.30pm | 19:26:25 |
| | | 11pm | 22:40:30 |
| 24-4-2025 | | 7.30pm | 19:24:44 |
| | | 11pm | 22:46:01 |
| 25-4-2025 | | 7.30pm | 19:23:49 |
| | | 11pm | 00:05:26 |
| 26-4-2025 | | 7.30pm | 19:28:30 |
| | | 11pm | 23:36:23 |
| 27-4-2025 | | 7.30pm | 19:24:39 |
| | | 11pm | 23:39:33 |
| 28-4-2025 | | 7.30pm | 19:26:04 |
| | | 11pm | 22:58:57 |
| 29-4-2025 | | 7.30pm | 19:23:53 |
| | | 11pm | 22:41:02 |
| 30-4-2025 | | 7.30pm | 19:25:14 |
| | | 11pm | 22:42:20 |
| 1-5-2025 | | 7.30pm | 19:22:35 |
| | | 11pm | 22:25:24 |
| 2-5-2025 | | 7.30pm | 19:24:52 |
| | | 11pm | 22:46:52 |
| 3-5-2025 | | 7.30pm | 19:25:21 |
| | | 11pm | 22:42:41 |
| 4-5-2025 | | 7.30pm | 19:25:57 |
| | | 11pm | 22:41:53 |

Best regards,

[redacted]

Elton Abela
Head of Sales

DOK Ċ

11 December 2025

Dear Mr Robert Cauchi,

I hereby confirm that One Productions Ltd. has aired the 'NEW BUS ROUTES" on ONE tv for the month of April 2025.

| Contract | Product | Air Date | Programme | Advert | Quantity | Notes |
|---|---|---|---|---|---|---|
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 20/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 20/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 21/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 21/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 22/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 22/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 23/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 23/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 24/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 24/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 25/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 25/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 26/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 26/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 27/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 27/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 28/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 28/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 29/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 29/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 30/04/2025 | 19:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |
| TV011772 | New Bus Routes - 41" | 30/04/2025 | 23:30 News | ADV_034306 | 1.00 | |

Thanks and regards,

SALES DEPARTMENT
Productions Limited
[redacted]
A28B, Industrial Estate,
Marsa MRS3000 Malta
one.com.mt

Suzanne Chetcuti
Administration
One Productions Ltd.